**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 13 ta' Lulju 2023**

**Kawża Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 82/2023 JVC**

**Drissia El Bazza (K.I. Numru: 125513L) għan-nom u in rappreżentanza ta' binha minuri Riadalomr Msaikek El Bazza (K.I. Numru: 490216L)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Drissa El Bazza noe et talbet kif isegwi:

'Illi nhar il-wieħed u tletin (31) t'Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016) twieled ġewwa l-isptar Mater Dei, Msida, Malta l-minuri Riadalomr Msaikek El Bazza u dana hekk kif evidenti mill-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni erba' t'elef disa' mija u tnejn tas-sena elfejn u sittax (4902/2016), liema att tat-twelid tal-minuri qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument A**;

Illi fuq l-imsemmi att tat-twelid tal-minuri u ċioe' Dokument A, jirriżulta illi l-isem u l-kunjom tal-omm ġie mniżżel bħala Drissia Msaikek nee' El Bazza meta fil-verita' huwa Drissia El Bazza stante illi hija għażlet illi żżomm kunjomha ta' xebba;

Illi fuq l-istess att tat-twelid tal-minuri jirriżulta wkoll illi l-isem u l-kunjom ta' missier l-omm jiġifieri tan-nannu tat-tifel huwa mniżżel bħala 'Ahmed Msaikek' meta fil-verita' missier l-omm jismu Bachir El Bazza;

Illi għalhekk l-isem u l-kunjom korrett tal-omm huwa dak ta' Drissia El Bazza filwaqt illi l-isem u l-kunjom korrett ta' missier l-omm huwa dak ta' Bachir El Bazza u dana hekk kif jirriżulta ampjament mill-att taż-żwieġ ta' Drissia El Bazza bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn, mitejn u ħdax tas-sena elfejn u sittax (2211/2016) fejn kif jirriżulta tajjeb fil-kolonna ta' isem u kunjom il-mara hemm imniżżel tajjeb l-isem 'Drissia El Bazza' u mhux 'Drissia Msaikek u b'żieda ma' dan, fil-kolonna tal-ġenituri tal-miżżewġin missier

Drissia El Bazza qiegħed imniżżel bħala 'Bachir El Bazza' u mhux bħala 'Ahmed Msaikek' liema att taż-żwieġ qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument B;**

Illi prova ċara oħra li missier Drissia El Bazza huwa dak ta' 'Bachir El Bazza', huwa fit-traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid (Act Number: 81 A) intitolat '*Civil Registry Bureau B, Central Prefecture and Province of Kenitra Department of Maamora, Kenitra City*' liema dokument qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument C** fejn fil-kolonna 'Personal name and father's name' hemm imniżżel 'Bachir son of Mostafa' u fil-kolonna 'Family name' hemm imniżżel 'El Bazza.'

Illi l-isem korrett ta' missier Drissia El Bazza jirriżulta wkoll mit-traduzzjoni tal-estratt tal-mewt (Act Number: 51 A 8) ta' missier Drissia El Bazza li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dokument D** u li fil-kolonna 'Name' hemm imniżżel 'Bachir' u sussegwentament fil-kolonna 'Surname' hemm imniżżel 'El Bazza';

Illi minn dawn id-dokumenti provduti għalhekk huwa evidenti li dawn huma żewġ skorrettezzi ċari pero' li qegħdin iwasslu għall-inkonvenjent għar-rikorrenti fil-ħajja ta' kuljum;

Illi dina l-proċedura qiegħda ssir ai termini tal Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri Riadalomr Msaikek El Bazza li jġib in-numru progressiv erba' t'elef disa' mija u tnejn sbarra elfejn u sittax (4902/2016) billi taħt il-kolonna 'Isem u Kunjom' fir-ringiela ta' 'L-omm' isem u kunjom l-attriċi jiġi jaqra 'Drissia El Bazza' u ma jibqax jaqra 'Drissia Msaikek nee' El Bazza'.

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri Riadalomr Msaikek El Bazza li jġib in-numru progressiv erba' t'elef disa' mija u tnejn sbarra elfejn u sittax (4902/2016) billi taħt il-kolonna 'Isem u Kunjom tal-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet' fir-ringiela intitolata l-omm', l-isem ta' missier l-attriċi jiġi jaqra 'Bachir El Bazza (Dead)' u mhux 'Ahmed Msaikek (Dead).

3. Tordna l-istess korrezzjonijiet għandhom jsiru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta u dana ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int nġunt.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal-xulxin:

3. Illi l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi l-esponent m'għandux oġġezzjoni għat-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 4902/2016 tal-minuri Riadalomr Msaikek El Bazza (anness u mmarkata Dok. A mar-rikors promotur) stante illi skont l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti b'numru progressiv 2211/2016 (anness u mmarkat **DRP 1**),

l-omm 'Drissia', jidher li żammet kunjom xbubitha u inoltre' isem u kunjom missierha huma riflessi wkoll fl-istess Att taż-Żwieġ bħala 'Elbachir El Bazza' illi għalhekk m'għandux ikun problema illi isem l-omm fl-Att tat-Twelid tal-minuri jkun jaqra 'Drissia El Bazza'.

5. Illi tajjeb iżda li jiġi preċiżat l-Att tat-Twelid li għaliħ qiegħed jintalab it-tibdil ġie reġistrat b'dak il-mod u cioe bil-kunjom tal-omm 'Drissia Msaikek nee' El Bazza' skont dikjarazzjoni magħmula mill-istess ġenituri fl-Att tat-Twelid msemmi u dan manifest kemm bil-firma tagħhom kif ukoll bid-dokument tan-notifika tat-twelid li saret nhar is- 6 ta' Settembru 2016, annessi u mmarkati **Dok. DRP 2** u **DRP 3** rispettivament. Għalhekk ma sar ebda żball di parti tal-esponent meta irreġistra tali Att;

6. Illi tajjeb jingħad illi speċifikament rigward it-tieni talba, missier r-rikorrenti Drissia (omm l-minuri) jisimu 'Elbachir' u mhux 'Bachir' u dan skont l-Att taż-Żwieġ Marokkin li /ġie reġistrat *ad verbatim* f'Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (kopja tiegħu tradotta għal-ingliz u fil-pussess tal-esponent qiegħed jiġi anness u mmarkat Dok. DRP4). Għall-kull buon fini, vera kopja ta' l-Att taż-Żwieġ Marrokin tradott għal-Ingliz u fil-

pusess tar-rikorrent qiegħed jiġi anness u mmarkat **<u>Dok. DRP4</u>**. **Illi għalhekk r-rikorrenti għandhom jikkjarifikaw dan il-punt qabel ma jiġi ordnat xi tibdil**;

7. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **<u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;</u>**

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti nominee li minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 23 tal-proċess b'dana li l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat giet sorvolata.

Rat id-dokumentazzjoni esebita, semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti u semgħet l-argumentazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-20 ta' Ġunju, 2023.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess rikorrenti kif ukoll mid-Direttur intimat. Jirriżulta li hemm qbil bejn il-partijiet li kunjom ir-rikorrenti fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri qiegħed indikat ħazin w'għalhekk ma hemmx oggezzjoni sabiex din tiġi milqugħa. L-unika oggezzjoni tad-Direttur intimat hija li dan ma sarx riżultat ta' żball da parti tad-Direttur. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet relatati ma' kunjom ir-rikorrenti Drissia El Bazza.

Illi dwar it-talbiet relatati ma' isem u kunjom missier ir-rikorrenti Drissia El Bazza jirriżulta wkoll li hemm qbil li dan ġie ndikat b'mod skorrett u għandu jkun isem iehor. Il-partijiet iżda ma jaqblux jekk dan għandux ikun 'Bachir El Bazza' jew 'ElBachir El Bazza' kif indikat fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti stess. Illi l-Qorti rat li għalkemm huwa minnu li fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrent isem missierha ġie ndikat bħala 'ElBachir' effettivament minn dokumentazzjoni oħra esebita kif ukoll mix-xhieda tagħha stess jirriżulta li l-isem huwa biss dak ta' 'Bachir El Bazza'. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi wkoll sabiex tilqa' din it-talba bl-isem kif indikat.

Stante li r-rikorrenti jidher li kkontribwiet għall-iżbalji kif seħħew l-ispejjeż għandhom jiġu nkorsi mill-istess rikorrenti

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, ir-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat biss sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri Riadalomr Msaikek El Bazza, li jġib in-numru progressiv erba' t'elef disa' mija u tnejn sbarra elfejn u sittax (4902/2016) billi taħt il-kolonna 'Isem u Kunjom' fir-ringiela ta' 'L-omm' isem u kunjom l-attriċi jiġi jaqra 'Drissia El Bazza' u ma jibqax jaqra 'Drissia Msaikek nee' El Bazza'.

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri Riadalomr Msaikek El Bazza li jġib in-numru progressiv erba' t'elef disa' mija u tnejn sbarra elfejn u sittax (4902/2016) billi taħt il-kolonna 'Isem u Kunjom tal-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet' fir-ringiela intitolata l-omm', l-isem ta' missier l-attriċi jiġi jaqra 'Bachir El Bazza (Dead)' u mhux 'Ahmed Msaikek (Dead).

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-istess korrezzjonijiet għandhom jsiru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Malta u dana ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkustanzi bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Lulju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**13 ta' Lulju 2023**